# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 ta' Mejju, 2017.**

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 3/2016 SM**

**Liliana Farrugia**
**I.D. 1079846 M**

**vs.**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat il-11 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fl-1992 fethet kawza fuq incident li fih sofriet danni fuq il-persuna taghha meta kien sfronda l-hanut maghruf bhala “Save-On”, f’Rahal Gdid;

1.2. Illi din il-kawza inqatghet fl-appell fit-28 ta’ Marzu, 2014;

1.3. Illi minhabba d-dewmien riskontrat fl-eghluq definittiv tal-procedura qeghda tilmenta minn ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, (minn issa ’l imsejha l-Konvenzjoni);

1.4. Illi t-talbiet fil-procedura in dizamina kienu jinkludu:

1.4.1. Kundanna ta’ responsabbilita`; u

1.4.2. Kundanna ghall-hlas ta’ danni;

1.5. Illi sakemm inghatat is-sentenza in *prim’istanza* ghaddew madwar tnejn u ghoxrin (22) sena;

1.6. Illi fil-frattemp l-istess procedura kienet giet assenjata lil xejn anqas minn seba’ (7) imhallfin;

1.7. Illi sussegwentement giet definittivament deciza fl-istadju tal-appell madwar sena (1) u ghaxar (10) xhur wara s-sentenza in *prim’istanza*;

1.8. Illi fil-frattemp gew nominati hames (5) periti legali, perit arkitett, u periti medici;

1.9. Illi l-istess procedura kienet konnessa ma zewg (2) kawzi ohra bid-diffikultajiet kollha li tali konnessjoni ggib maghha;

1.10. Illi ghalkemm il-procedura in dizamina kienet fin-natura taghha pjuttost serja, pero` ma kinitx tipprezenta xi komplessita` partikolari – la fattwali, u lanqas guridika;

1.11. Illi l-istess procedura sfat vittma ta’ sistema komplessa u mankanti f’dak li ghandu x’jaqsam m’amministrazzjoni ta’ kawzi;

1.12. Illi tali ri-assenjazzjoni tirrikjedi studju xieraq tal-process;

1.13. Illi tenut kont li kien hemm seba' (7) okkazzjonijiet ta' dan it-tip allura l-lanjanza odjerna hi aktar minn gustifikata;

1.14. Illi *di piu`* din l-istess procedura kienet miexja m'ohra, li pero` inqatghet sentejn (2) qabilha;

1.15. Illi jirrizulta li anke f'dik il-procedura r-rikorrenti tal-istess intavolat kawza ghad-dewmien, liema kawza kienet deciza b'mod finali mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2015;

1.16. Illi rizultat tad-dewmien riskontrat fil-procedura hawn in dizamina r-rikorrenti sofriet danni materjali u morali;

1.17. Illi *di piu`*, tul il-proceduri tfarrak iz-zwieg taghha u kollox gie jiddependi fuq ir-rikorrenti;

1.18. Illi tul il-procedura in dizamina l-istess rikorrenti korriet serjament u konsegwentement, l-istess dewmien riskontrat holqilha ansjeta` rizultat tal-incertezza dwar l-ezitu tal-istess u dwar jekk kienx ser ikollha l-mezzi biex:

1.18.1. Taghmel dak mehtieg ghall-fejqan taghha u biex;

1.18.2. Thallas ghall-ghajnuna reza necessarja minhabba d-debilita` taghha rizultat tal-incident;

1.19. Illi tul dan iz-zmien kollu kellha ticcahhad minn hafna affarijiet rizultat tan-nuqqas ta' mezzi li sofriet;

1.20. Illi konsegwentement aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.20.1. Tiddikjara li r-rikorrenti sofriet lezjoni tad-dritt taghha ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni;

1.20.2. Tillikwida l-ammont ta' danni kemm pekunarji, kemm morali, konsegwenzjali ghall-istess lezjoni;

1.20.3. Tikkundanna lill-intimat ghall-hlas tal-istess ammont hekk likwidat;

1.20.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat;

2.0. Rat ir-risposta datata l-1 ta' Frar, 2016, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 13):

2.1. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi ma jirrizultax li kien hemm dewmien mhux gustifikat fil-proceduri riferiti mir-rikorrenti;

2.3. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni;

2.4. Illi l-fatturi principali f'dan ir-rigward huma s-segwenti:

2.4.1. Il-komplessita` tal-kaz;

2.4.2. L-agir tal-partijiet fil-kawza; u

2.4.3. L-agir tal-awtorita` kkoncernata – f'dan il-kaz, l-awtorita` gudizzjarja;

2.5. Illi kien id-dover tar-rikorrenti li turi interess serju fil-kawza in dizamina billi ssegwi, thabbrek, u tirsisti mal-avukati taghha biex il-proceduri jithaffu u jigu konkluzi;

2.6. Illi jirrizulta li r-rikorrenti ma dehritx f'diversi udjenzi fil-procedura kkoncernata;

2.7. Illi kien hemm ukoll diversi udjenzi li kienu hemm differiti ghal probabbli cessjoni;

2.8. Illi *di piu`*, jirrizulta li kien hemm ukoll diversi differimenti ghax ir-relazzjoni peritali ma setghetx tinhalef ghaliex dan kien ghadu ma giex imhallas;

2.9. Illi l-istess qorti kolpita bil-procedura in dizamina hadet in konsiderazzjoni d-dewmien riskontrat u ghalhekk m'ghamlitx it-tnaqqas ta' 20% ghal *lump sum payment*;

2.10. Illi ghalhekk ma tistax takkolla d-dewmien riskontrat lill-intimat;

2.11. Illi jekk jirrizulta ksur tad-dritt fundamentali rikjamat mir-rikorrenti, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;

2.12. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.13. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.14. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat it-2 ta' Frar, 2016, fejn wara li rrilevat li l-imhallef sotto ffirmat kien mexxa inkjesta magisterjali rigwardanti l-akkadut fejn kien wasal ghal diversi konkluzjonijiet fuq il-mertu tal-istess incident, astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kaz ai termini tal-artiklu 734(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordna li l-atti jintbaghtu lir-Registratur biex l-istess tigi assenjata skont il-ligi, (ara foll 17);

4. Rat id-digriet sussegwenti taghha datat it-12 ta' Frar, 2016, fejn wara li rat id-digriet taghha indikat fil-paragrafu precedenti, irrevokat l-istess digriet *contrario imperio* u rriappuntat l-istess ghall-kontinwazzjoni, (ara foll 19 u 20);

5. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 48), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 59);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-12 t'Awwissu, 2016, (ara foll 49), flimkien ma' dik tal-intimat datata l-5 t'Ottubru, 2016, (ara foll 51);

7. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti tilmenta mill-fatt li procedura li hi inizzjat fit-2 t'Ottubru, 1992, (ara foll 1 tal-procedura odjerna u foll 1 tac-Citazzjoni Numru 1285/92 annessa mal-procedura odjerna), giet deciza in *prim'istanza* fit-28 ta' Mejju, 2012, (ara foll 174 fl-atti tal-istess Citazzjoni Numru 1285/92 annessi mal-procedura odjerna), u finalment deciza fl-appell permezz tas-sentenza datata l-28 ta' Marzu, 2014, (ara foll 45 tal-atti in appell Numru 1285/92 hawn ukoll annessi);

9.2. Illi ghalhekk il-procedura in dizamina hadet mit-2 t'Ottubru, 1992, sat-28 ta' Marzu, 2014, - aktar minn tnejn u ghoxrin, (22), sena, - biex tigi deciza b'mod konklussiv u finali;

9.3. Illi r-rikorrenti ssosstni li dan it-tul ta' zmien mehud biex tigi konklussivament deciza l-procedura in dizamina hu leziv id-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit mill-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni;

9.4. Illi fid-dawl tal-istess dewmien hekk riskontrat ir-rikorrenti qed titlob kumpens:

9.4.1. Kemm ghad-danni prekunjarji minnha sofferti;

9.4.2. Kemm ghad-danni morali sofferti;

9.5. Illi l-intimat jichad li d-dewmien kien b'xi mod irragonevoli;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni in dizamina jistabbilixxi s-segwenti:

> "In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law";

11. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Samuel Oujeabar vs. Avukat Generali*** datata l-***15 ta' Jannar, 2015***, li tghid li:

> "Huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragonevoli huma l-komplessita` tal-kaz, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, is-sehem tal-awtorita` jew awtoritajiet relevant – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita` gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahharnett, is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati";

12. Illi bis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Theuma vs. Avukat Generali*** datata s-***27 ta' Gunju, 2003, il-Qorti Kostituzzjonali*** irriteniet fir-rigward is-segwenti:

> "S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli";

13. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***John A. Said proprio et nomine vs. l-Avukat Generali*** datata l-***11 ta' Novembru, 2011***, l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti tkompli tghid is-segwenti fir-rigward:

> "Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvaluta l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghmula fi zmien ragonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux";

Ikkunsidrat:

14. Illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Qorti ta' Strasburgu), fil-kaz fl-ismijiet ***Zimmermann and Steiner vs. Switzerland***, datat it-***13 ta' Lulju, 1983***, issottolineat li l-istati ghandhom l-obbligu:

> "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of article 6(1) including that of trial within a reasonable time";

15. Illi fil-kaz fl-ismijiet ***Guincho vs. Portugal*** datat l-***10 ta' Lulju, 1984***, l-istess ***Qorti ta' Strasburgu*** sostniet li Stat ghandu l-obbligu li jforni bizzejjed rizorsi ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarja biex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri;

Ikkunsidrat:

16. Illi kif jispjegaw il-***Van Dijk*** u l-***Van Hoof*** fl-***opus*** taghhom "***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights***", it-Tielet Edizzjoni:

> "The purpose of the reasonable time requirement of Article 6(1), however, is to guarantee that within a reasonable time and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position ...; this in the interest of the person in question as well as of legal certainty", (p.442);

17. Illi l-istess awturi jkomplu:

> "When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but

has to be assessed in view of the circumstances of each individual case", (p. 446);

Ikkunsidrat:

18. Illi fid-dawl tal-insenjament suesposti ghandu ghalhekk ikun pacifiku biex tigi stabbilita lezjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni kif hawn rikjamat, ghandhom l-ewwel jigu ezaminati l-fatturi kollha fuq indikati biex tkun tista' tigi evalwata bi precizjoni r-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat;

19.0. Illi l-fatti riskontrati jistabbilixxu s-segwenti:

19.1. Illi bejn l-incipit u l-konkluzjoni definittiva taghha, l-procedura li minnha r-rikorrenti odjerna qed tilmenta komplessivament hadet aktar minn tnejn u ghoxrin (22) sena, (ara paragrafu numru disgha punt tnejn, (9.2.), aktar qabel);

19.2. Illi t-talbiet inkluzi fl-istess procedura in dizamina kienu jirrigwardjaw kundanna ghar-responsabbilita` u hlas ta' danni wara l-kroll tas-*Save-On Supermarket* f'Rahal Gdid, fil-21 ta' Lulju, 1990, (ara foll 1 *a tergo* fl-atti annessi mal-procedura odjerna hawn in dizamina, Citazzjoni Numru 1285/1992);

19.3. Illi minn ezami tal-istess atti hawn annessi ma jistax jinghad li l-problematika hemm riferita kienet tipprezenta xi meritu kkumplikat jew inordinatament difficli li jiggustifika b'xi mod id-dewmien riskontrat;

19.4. Illi in *prim'istanza* jirrizulta li l-istess procedura hawn minnha lamentata kienet assenjata lil xejn anqas minn disa' (9) imhallfin;

19.5. Illi l-appell intavolat hu datat il-15 ta' Gunju, 2012, u deciz fit-28 ta' Marzu, 2014, - sena u disa' xhur wara li l-istess appell kien intavolat;

19.6. Illi in *prim'istanza* jirrizulta li gew appuntati hames (5) periti legali, espert tekniku u zewg (2) esperti psikjatrici;

19.7. Illi r-rikorrenti dejjem kienet assistita mill-istess avukat difensur ta' fiducja taghha;

19.8. Illi minn ezami tal-atti annessi mall-procedura odjerna, kuntrarju ghal dak li jsosstni l-intimat, ma jirrizultax li r-rikorrenti kkontribwiet ghal xi dewmien esagerat;

19.9. Illi di piu` jigi sottolineat li ghakemm l-istess procedura hawn lamentata mir-rikorrenti kienet serja fin-natura taghha, pero` ma kienet tipprezenta l-ebda komplessita` partikolari – la fattwali u lanqas guridika;

Ikkunsidrat:

20. Illi tenut kont li in *prim'istanza* l-procedura hawn lamentata hadet qrib l-ghoxrin (20) sena biex tigi konkluza, allura ghandu jkun abbundantement pacifiku, li r-rikorrenti sofriet lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni;

21. Illi ovvjament, il-fatt li l-kawza *de quo* kienet assenjata lill-numru daqshekk kospikwu t-imhallfin, dan ma ikkontribwiex biex tigi superata l-istess lanjanza;

Ikkunsidrat:

22. Illi kif sosstniet il-***Prim-Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Tabib Dr. Tancred Busuttil vs. Avukat Generali***, datata t-***2 ta' Lulju, 2013***:

> "Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata gheluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. L-gudikatura tifforma t-tielet colonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe` l-ezekuttiv u legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi, u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex qrati jkunu f'posizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli";

23. Illi *di piu`*, ghandu wkoll jigi sottolineat li l-operat taz-zewg kolonni portanti indikati fil-kwotazzjoni precedenti necessarjament jiddependu wkoll minn amministrazzjoni pubblika intiza biex tpoggi lil-kolonna gudizzjarja f'posizzjoni li tkun verament tista' tahdem kif mixtieq li hafna drabi, ghal hafna ragunijiet, ma tirrizultax li hi attinenti ghal dan l-obbligu;

Ikkunsidrat:

24. Illi ezami tal-atti allegati ma' dik odjerna ma jhallu l-ebda dubju fir-rigward u ghalhekk jigi sottolineat li jirrizulta li fl-istess procedura kien hemm dewmien ezagerat u irragonevoli;

25. Illi konsegwentement, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti;

Ikkunsidrat:

26. Illi fir-rigward tal-kawza fuq gia` citata fl-ismijiet ***John A. Said proprio et nomine vs. L-Avukat Generali***, (ara paragrafu numru tlettax, (13.), aktar qabel), l-istess sentenza issosstni li:

> "Madankollu din il-qorti hi tal-fehma li f'kazijiet bhal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali generalment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti kumpens bhala danni morali biex jaghmel tajjeb ghal lezjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni civili";

Ikkunsidrat:

27.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprovat il-fatti minnha indirizzati u konsegwentement:

**DECIDE:**

27.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat;

27.2. Takkolji parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti billi tirrespingi t-talba taghha ghar-risarciment tad-danni pekunjarji minnha allegati;

27.3. Tiddikjara li in vista tas-suespost ir-rikorrenti sofriet lezjoni tad-dritt taghha ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni;

27.4. Tillikwida d-danni morali sofferti mir-rikorrenti fl-ammont t'ghaxart elef euro, (€10,000.00);

27.5. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

27.6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-11 ta' Jannar, 2016, kontra l-intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**